



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Mejju 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0084(COD)

8742/19
ADD 1 REV 1

CODEC 995
ENT 125
MI 391
AGRILEG 86
ENV 440
CHIMIE 74
IND 154

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni konġunta mir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Repubblika Slovakkja

Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Repubblika Slovakkja jappoġġaw l-għanijiet tar-Regolament, speċjalment l-armonizzazzjoni tar-regoli għall-prodotti fertilizzanti.

Madankollu, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Repubblika Slovakka huma dispjaċuti bil-livell baxx ta' ambizzjoni tal-kompromess finali dwar il-livell ta' kadmju fil-fertilizzanti fosfatiċi, li ma jirrikonoxxix biżżejjed il-perikli u r-riskji li jġib miegħu l-kadmju. Il-limitu ta' 60 mg kadmju/kg P2O5 għall-fertilizzanti fosfatiċi li jkun fihom aktar minn 5 % P2O5 ma jistax jitqies bħala sodisfaċenti - speċjalment meta jittieħed kont tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, kif inhu l-għan tar-Regolament.

Ir-Regolament għandu jindirizza aħjar ir-riskji għas-saħħa u l-ambjent ikkawżati mill-użu ta' fertilizzanti li fihom livelli għoljin ta' kadmju, li huma evidenti mill-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u riċerka reċenti fil-qasam.

L-Istati Membri li attwalment għandhom limiti nazzjonali baxxi għall-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti għandhom jitħallew iżommu dak il-limitu anki għall-qasam armonizzat sakemm il-limitu tal-UE jilħaq l-istess livell. F'dan il-kuntest ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Repubblika Slovakka jemmnu bis-sħiħ li kwalunkwe Stat Membru li jixtieq jiżgura livell ogħla ta' protezzjoni tal-ħamrija tiegħu ser jirċievi l-opportunità pprovduta mit-Trattat.

Il-kontenut ta' kadmju tal-fertilizzanti għandu jitnaqqas matul iż-żmien u nitolbu lill-Kummissjoni biex tagħmel l-almu kollu tagħha biex ma titlifix l-opportunità matul ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament.

Peress li r-Regolament jonqos milli jistabbilixxi valur limitu għall-kromu, li huwa metall tqil tossiku ħafna, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Repubblika Slovakka għandhom tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-rekwiżiti tat-tikkettar għall-kontenut totali ta' kromu tal-prodotti fertilizzanti. B'hekk, l-informazzjoni dwar il-kwantità massima u dwar is-sors eżatt tal-kromju għandha tidher fuq it-tikketta tal-prodotti kollha kkonċernati.

It-test ta' kompromess finali ma jistabbilixxi linji gwida ċari għall-bijostimulanti tal-pjanti li jqisu rekwiżiti għall-evalwazzjoni tal-effikaċja bijoloġika, l-aspettattivi kwalitattivi u d-dettalji ta' sustanzi attivi li jkunu essenzjali għal tali grupp eteroġenu ta' prodotti.

Aħna nibqgħu tal-fehma li l-adattament tal-Annessi għall-progress tekniku huwa ekwivalenti għall-emendar tal-kontenut legali tal-leġislazzjoni proposta. L-emendi għall-Annessi I u II għall-fini li jiġu adattati għall-progress tekniku għandhom isiru permezz ta' Atti ta' Implimentazzjoni.